RETTIFIKA

Rettifika għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 7 tal-10 ta' Jannar 2009)

Paġna 21, l-artikolu 75, paragrafu 2, punti a) u b):

Flok: "2. It-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu IV għandhom japplikaw:

a) għad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li r-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni dwar l-eżekutorjetà għalihom jintalbu mid-data;

b) għad-deċiżjonijiet mogħtija mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament b'segwitu għal proċeduri mibdijin qabel dik id-data, safejn dawk id-deċiżjonijiet jaqgħu, għall-finijiet tar-rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni, fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.";

Aqra: "2. It-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu IV għandhom japplikaw:

a) għad-deċiżjonijiet mogħtija fl-Istati Membri qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li r-rikonoxximent u d-dikjarazzjoni dwar l-eżekutorjetà għalihom jintalbu minn dik id-data;

b) għad-deċiżjonijiet mogħtija mid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament b'segwitu għal proċeduri mibdijin qabel dik id-data,

safejn dawk id-deċiżjonijiet jaqgħu, għall-finijiet tar-rikonoxximent u tal-eżekuzzjoni, fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 44/2001.".